# HEMM BŻONN TA' TAXXA ĠDIDA FUQ SERVIZZI DIĠITALI?



**EDWARD SCICLUNA** / *Ministru għall-Finanzi*




Waqt il-laqgħa tal-ECOFIN tal-Kunsill tal-Ministri għall-Finanzi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li saret fi Brussell filbidu ta' din il-ġimgħa, ġie diskuss l-introduzzjoni ta' taxxa ġdida. Qed nirreferi għat-taxxa ġdida fuq servizzi diġitali. Biex inserraħ moħħ kulħadd, din mhix taxxa indirizzata lejn il-konsumatur, iżda taxxa mmirata lejn il-kumpaniji li joffru dan is-servizz.

Li qed jiġi propost huwa li kumpaniji globali, bħalma huma l-Amazon, il-Google u l-Apple fost l-oħrajn, jiġi assigurat li jkunu qed iħallsu t-taxxi dovuti. Il-proposta, li oriġinarjament kienet imressqa minn Franza, qed tiġi imbuttata mill-Kummissjoni Ewropea.

Wieħed irid isemmi li dawn il-kumpaniji tant huma kbar li l-bejgħ tagħhom ta' sena jkun kbir daqs l-ekonomija ta' bosta pajjiżi Ewropej miġbura flimkien. Hemm biża' li dawn il-kumpaniji mhux qegħdin iħallsu t-taxxa kollha dovuta fuq il-profitti li jagħmlu. Kien għalhekk li Franza ħarġet bi proposta, fejn kumpaniji bħal dawn, li jibbażaw is-servizz tagħhom fuq it-teknoloġija diġitali, barra t-taxxa fuq il-profitti, jibdew jiġu intaxxati taxxa ġdida oħra fuq il-bejgħ u mhux iktar fuq il-profitti.

Ir-raġuni li ngħatat għal din it-taxxa supplimentari hi li, il-prodott offrut minn dawn il-kumpaniji jinkludi element ta' reklamar li jsir fil-pajjiż li jinbiegħ il-prodott. Għalhekk, qed jitressaq l-argument li fil-pajjiż li jkunu qed jinbiegħu l-prodotti ta' dawn il-kumpaniji, il-gvern tal-pajjiż għandu dritt li jintaxxa lil dawn il-kumpaniji għar-reklamar indirett li jsir fuq il-bejgħ li jsir fl-istess pajjiż. L-argument innovativ hu li filwaqt li fil-każ ta' fabbrika l-valur addizzjonali jsir fil-pajjiż li hi residenti l-kumpanija, u għalhekk id-dħul mit-taxxa jibqa' f'dak il-pajjiż, fil-każ ta' servizzi diġitali tista' tgħid li l-valur miżjud isir mal-pajjiżi kollha fejn jintuża l-programm diġitali u mhux ngħidu aħna l-Amerika biss.

B'hekk pereżempju Franza tista' targumenta li għandha dritt taqsam mal-Amerika d-dħul mit-taxxa fuq dik il-kumpanija.

Hawn irrid insemmi li meta ġiet introdotta s-sistema tat-taxxi, ma kinux jeżistu kompjuters u lanqas internet, u għalhekk it-taxxi li kienu maħsuba kienu jikkonsistu f'taxxi fuq il-profitti u dħul ieħor, dawk li nirreferu għalihom bħala taxxi diretti, u taxxi fuq il-konsum, bħalma huma l-VAT u s-sisa, u li nirreferu għalihom bħala taxxi indiretti.

It-taxxa li qed tissemma ma taqa' taħt l-ebda taxxa li għadni kif semmejt. Dan għaliex din hi taxxa fuq id-dħul tal-kumpanija, fuq servizz li l-klijenti qed jakkwistaw permezz tal-kompjuter li qiegħed ġewwa darhom. Dan huwa kunċett innovattiv ta' tassazzjoni.

Huwa għalhekk li l-pożizzjoni ta' Malta hu wieħed ta' kawtela.

Il-kumpaniji li se jiġu affettwati minn din it-taxxa, qed joperaw minn diversi pajjiżi mxerrda mad-dinja kollha u mhumiex ikkonċentrati fi ftit pajjiżi. Għalhekk, din mhix problema tal-pajjiżi Membri Ewropej.

Dan ifisser, li għandha tkun organizzazzjoni internazzjonali li tkun fdata li tmexxi d-diskussjonijiet li għandhom iwasslu biex ikun hemm ftehim aċċettat mill-kumpaniji u l-pajjiżi kollha.

Jekk dan ma jsirx, hemm possibbiltà kbira li kumpaniji jiġu intaxxati għall-istess servizz, f'aktar minn pajjiż wieħed u b'hekk tkun qed tiġi intaxxata doppju. Biex dan ma jiġrix, irid ikun hemm dak li huwa magħruf bħala *double taxation agreements* bejn il-pajjiżi.

L-Organizzazzjoni Internazzjonali Ekonomika u tal-Iżvilupp, magħrufa aħjar bħala l-OECD, hija l-organizzazzjoni idonea biex twassal għal ftehim aħħari bejn il-pajjiżi.

L-intriċċi ta' taxxa bħal din toħroġ mill-fatt li anki jekk nieħdu l-każ ta' Malta, fejn għandna 'l fuq minn erbgħin trattat ta' tassazzjoni doppja (*double taxation agreements*), xi kriterji se jintużaw biex jiġi stabbilit fejn kumpanija li toffri servizzi diġitali, se tħallas it-taxxa tagħha?

Minħabba l-kumplessità tal-każ, huwa ferm importanti li wieħed ma jgħaġġilx biex jasal għal konklużjoni u soluzzjoni.

Hemm bżonn li jkun hemm analiżi profonda tal-problemi kollha li taxxa bħal din tista' ġġib magħha. Hemm bżonn ta' ċarezza u li jkun hemm diskussjonijiet bejn kull min hu involut biex is-soluzzjoni li tinstab, tkun aċċettata minn kulħadd.

Ma jistax ikun li xi naħa tiddetta fuq in-naħa l-oħra. Biex tinstab soluzzjoni dejjiema, ma jrid ikun hemm l-ebda aġenda politika li b'xi mod tkun qed taħbi xi skop ta' tpattija kummerċjali bejn pajjiż kbir u ieħor.

Wieħed ukoll irid iżomm f'moħħu, li kif qed tiżviluppa t-teknoloġija, jista' jkun li fil-futur mhux 'il bogħod, prodotti li nużaw ta' kuljum, bħal pereżempju friġis u l-vetturi, ikollhom parti elettronika mwaħħla magħhom, li tittrażmetti informazzjoni dwar dak il-prodott u b'hekk wieħed jibda jikkunsidrah bħala prodott li jinkludi servizz diġitali u allura jkunu soġġetti għal din it-taxxa ġdida li qed tiġi proposta.

Jien nemmen li din it-tip ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali fiż-żmien mhux 'il bogħod, trid tiġi introdotta fuq skala internazzjonali. Imma għad fadal ħafna xogħol xi jsir biex jiġi stabbilit kif u meta għandha tidħol fis-seħħ.

## *Camera* qarrieqa

Sur Editur,

Fin-niżla lejn Baħar iċ-Ċagħaq hemm *camera* kontra l-veloċità li kienet twaħħlet ħafna snin ilu meta t-triq kienet b'karreġġjati opposti. Illum m'hemmx aktar dan il-periklu u għalhekk, din il-*camera* tħalliet hemmhekk biss biex tittradixxi lissewwieqa u żżid l-introjtu lill-Kunsill ta' Pembroke.

Fit-tielet ġimgħa ta' Lulju (mit-23 sal-25) il-*camera* kienet issettjata ħażin u bdiet turi data falza. Ħarġu diversi ċitazzjonijiet b'data falza u veloċità fittizja. Għalxejn wieħed appella mal-LESA u ppreżenta provi assoluti, għax dawk jidhru li huma konfoffa waħda, forsi biex jiġġustifikaw l-impieg u s-salarju tagħhom.

Tista' tappella lill-ministeru, imma lanqas biss ma tirċievi konferma li l-ittra tiegħek tkun waslet. Jien napprezza li l-veloċità eċċessiva hija perikoluża imma din saret bħala qerq, kulħadd jivvinta l-limitu. Mad-dawra ta' San Pawl il-Baħar, din hija ta' 80, lejn Baħar iċ-Ċagħaq hija ta' 70 u f'Ħal Qormi hija ta' 60.

Apparti minn dan, is-sinjali huma żgħar wisq, l-aktar meta jkunu moħbijin mis-siġar. Jekk hemm bżonn li tkun ikkontrollata l-veloċità, jinħtieġ ukoll li jsiru avviżi ċari ta' twissija u li jidhru, u mhux naqra ta' ċirku. F'Burmarrad, lejn San Pawl il-Baħar, kważi m'hemmx sinjal wieħed.

Il-ministru responsabbli għandu jaqbad il-barri minn qrunu u jinvestiga dan it-taħwid. Jinħtieġu esperti ġenwini u mhux il-kunsilli li jfittxu l-introjtu.

Uħud mis-sinjali bilkemm jidhru. Jinħtieġ li jkunu kbar u jidhru sew, ferm aktar akbar minn dawk preżenti. U apparti l-*cameras* tinħtieġ aktar sorveljanza dwar l-użu talindikaturi u mhux kulħadd jagħmel li jrid.

Finalment, ninsisti li ssir inkjesta dwar in-niżla ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Għaliex kienet turi data ħażina? Għaliex il-LESA għattiet dan l-iżball?

Skont il-ġurisprudenza l-ebda akkuża jew ċitazzjoni ma tista' tkun imposta b'data ħażina. Mill-ġdid insejjaħ lill-ministru biex jinvestiga, jieħu azzjoni u jħassar iċ-ċitazzjonijiet li ħarġu b'mod l-aktar qarrieq.

ANZJANA GALBATA,
il-Qawra